*Ħaż-Żebbug - Citta' Rohan*

***KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ***

**LAQGĦA - AĠENDA NUMRU 27– 3 ta' Frar 2026**

***Minuti tat-tmienja u għoxrin laqgħa tal-Kunsill tad-disa' Leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Ċittà Rohan, li saret nhar it-3 ta' Frar 2026 fis-6:30pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' l-Kunsill Lokali fis-6:30pm ta' filgħaxija sabiex tkun diskussa Aġenda Numru 27. Il-laqgħa bdiet fis-6:40pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Steve Zammit Lupi** | Sindku |
| | **Lilibeth Zammit Lupi** | Kunsillier |
| | **Aryton Mizzi** | Kunsillier |
| | **Paul Mazzola** | Kunsillier |
| | **Philip Scicluna** | Kunsillier |
| | **Paul Baldacchino** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| | **Aryton Mizzi** | Kunsillier |
| | **Mario Attard** | Kunsillier |
| **Assenti b'Apoloġija** | **Joseph Agius** | Viċi-Sindku |
| **Assenti :** | **Ħadd** | |
| **Pubbliku:** | **Ħadd** | |

*Ħaż-Żebbug - Citta' Rohan*

***KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ***

**Uffiċjal preżenti:** **Paula M. Valletta** Segretarju Eżekuttiv

27.1 Approvazzjoni tal-Minuti

Tressqu għall-approvazzjoni tlett settijiet ta minuti preċedenti fuq proposta tas-Sindku Steve Zammit Lupi sekondat mill-Viċi Sindku Joseph Agius. Kien hemm qbil unanimu.

27.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

- Is-Sindku Steve Zammit Lupi nforma lill-Kunsill bil-laqgha li kien hemm mar-residenti ta' Ħal Mula. Kienet laqgħa kordjali ħafna fejn il-Perit spjega l-options li għandu l-Kunsill fejn qed jipprova jġib l-aqwa riżultat. Il-Perit Anthony Gatt ser jorganizza laqgħa mal-PA, sabiex dawn jagħtu l-feedback tagħhom.
- Dwar il-progett tal-Community Hub li ser jinkorpora fih il-latrina u l-librerija, ser ikun fih variations minħabba li xi affarijiet ta finishing ġew trasferuti minn Phase 2 għal Phase 1, fosthom it-taraġ għat-tamboċċ u t-tamboċċ innifsu, l-għeluq ta shaft minnhom u l-kisi tieghu, u l-ftuh ta' bieb ġdid mill-ewwel parti għall-parti oħra sabiex tinħoloq entratura għall-latrina mhux minn fuq il-bankina imma minn gol-entratura tat-tieni binja. Kien hemm qbil unanimu dwar dan kollu.
- Dwar id-Dog Park, is-Sindku qal li dan ser jitlesta sa Marzu, u li għandha ssir laqgħa mal-Project Green dwar min se jamministra dan id-dog park.
- Dwar Storm Harry, is-Sindku Steve Zammit Lupi nforma lill-Kunsill, li ħsarat kienu minimi, però ċediet siġra qadima tal-ballut fi Triq il-Madonna. Ġiet maqtugħha siġra tal-Eucalyptus li hemm fi Triq is-Siġġiewi u li kienet qiegħda tmiel għal fuq it-triq.
- Ser ikun hawn l-eżercizzju tat-tiġdid tal-ID cards minn ġewwa l-ufficini ta' Ħaż-Żebbuġ fix-xahar ta' Frar.
- Il-Kumpanija Tomatic ikkuntattjat lis-Sindku sabiex tibda topera ġewwa Ħaż-Żebbuġ. Din twassal in-nies minn post għall-ieħor, però għandhom bżonn referenza mingħandna sabiex ikunu jistgħu japplikaw għall-fondi.
- Ser isiru lezzjonijiet oħra tar-rota, kif ukoll lezzjonijiet ta' pilates u Yoga.
- Is-Sindku Steve Zammit Lupi qal li qed jinħarġu diversi permessi minn TM ghall-personal parking bases. Il-Kunsill m'għandu l-ebda say fiha din il-biċċa xogħol.

27.3 Ġimgħa Kbira 2026

Huma maħsub li għall-Ħamis ix-Xirka ser jinxtegħlu xi fjakkoli. Il-Kunsill qabel unanimament li jsiru 22 salib bil-materjal tal-aħmar li jitwaħħlu fi Vjal il-Ħelsien. Dawn se jkunu jixegħlu bid-dawl. U se jitwaħħlu mal-arbli ta' Vjal il-Ħelsien.

27.4 Attivita Għana

Is-Sindku Steve Zammit Lupi qal li ser tkun organizzata attività tal-għana, li ser ikunu fiha spejjeż ta' Eur2,000 u xi spejjeż oħra. Issir l-applikazzjoni mill-fondi tal-kultura mir-Reġjun.

Il-Kunsillier George Cortis qal li jixtieq li tittella attività taż-żwiemel fit-tieni Ħadd ta' Mejju.

27.5 Vann Kunsill

Il-Kunsill qabel unanimament li jinħareġ tender għall-xiri ta' vann bit-tail lift. Dan wara proposta tas-Sindku Steve Zammit Lupi sekondata mill-Kunsillier George Cortis.

27.6 Performance Bonus

Wara diskussjoni kien deċiż unanimament li bħala performance bonus:
Il-ħaddiema klerikali li ħadmu sena sħiħa jingħataw 10%, filwaqt li Gianluca D'amato jingħata 6%.

Il-ħaddiema manwali jingħataw 10%, apparti Gordon Callus li jingħata 7%.

Is-Segretarju Eżekuttiv jingħata 10%, liema appraisal jintbagħat id-Dipartiment sabiex jagħti l-opinjoni u l-persentaġġ tiegħu.

27.7 Triq Luigi Fontana Traffic Management

Il-Kunsill qabel unanimament li Triq Luigi Fontana tiġi dħul minn naħa tar-Remel lejn Ħal Dwien. Triq Serafin Tanti, Triq Ħal Sajd, Triq Hal Dwien u Triq Andrea Bogdan jiġu waħda bil-kontra tal-oħra.

27.8 Zona Għarram

Huwa ppjanat li fl-ewwel ġimgħa ta' Marzu jsiru l-laqgħat mar-residenti tal-maġġor parti tat-toroq taz-zona. Saret applikazzjoni fi Triq Luret Cutajar u fiz-zona tal-madwar għall-4 kaxxi Timed Parking.

Is-Sindku Steve Zammit Lupi qal li jixtieq jagħmel laqgħa mal-Ministru Bonett sabiex issir sistema ta' parkeġġ bħal dak li hemm ġewwa l-Gudja minħabba l-airport.

27.9 Vot tal-Flus
Fuq proposta tas-Sindku Steve Zammit Lupi sekondata mill-Kunsillier Mario Attard, il-vot tal-flus kien approvat unanimament.

27.8 Aġġornament

Il-laqgħa kienet aġġornata għat-23 ta' Frar 2026.

**Steve Zammit Lupi** | **Paula M. Valletta**

**Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv**

,